# SANTA KATARINA FI KNISJA MEDJEVALI ŻEJTUNIJA

### minn Dun Joe Abela

**Relazzjoni bejn Ħaż-Żabbar u ż-Żejtun**

Illum hu aċċettat minn studjużi serji li ż–Żejtun, flimkien ma' parroċċi oħra, ma ġiex iddikjarat formalment parroċċa fl-1436, kif dari konna naħsbu, iżda kien ilu jservi hekk snin qabel. Barra minn hekk, il-limiti tiegħu ma kenux dawk tal-lum, iżda wisq akbar minn hekk. Tant, li fis-seklu ħmistax, u forsi qabel ukoll, iż-Żejtun kien jinkludi l-parti ta' Malta li l-lum insejħulha Ħaż-Żabbar. Kien biss fis-sena 1616 li Ħaż-Żabbar inqata' miż-Żejtun u beda jeżistu bħala parroċċa għalih, independentement miż-Żejtun. Dan ifisser li kull kappella li l-lum tagħmel ma' Ħaż-Żabbar, iżda li kienet diġà teżisti qabel l-1616, nistgħu ngħodduha wkoll, barra wirt Żabbari, wirt storiku Żejtuni. U dan iż–Żabbarin stess ġentilment jistqarruh, tant li f'artiklu li l-bravu storiku Żabbari, is-Sur Karm Bonavia, kien ippubblika fil-"Berqa", kien kiteb hekk: "Santa Katarina, naturalment ġiet imdaħħla f'din ix-xbiha għax Ħaż-Żabbar dam jagħmel mal-parroċċa taż-Żejtun sal-1616."



*Santa Katarina fi Knisja Medjevali Żejtunija.*

**Mużew ta' Ħaż-Żabbar**

Dwar liema xbiha kien kiteb hawn is-Sur Karm Bonavia? Dan hu s-suġġett ta' dan l-artiklu tiegħi, u jien rikonoxxenti għall-informazzjoni dettaljata li hu kien ippubblika f'diversi gazzetti Maltin u li kopja tagħhom ġiet mgħoddija lili mis-Sur Paul Pace ta' Ħaż-Żabbar. Is-Sur Mario Buhagiar, awtorità kbira dwar l-Istorja ta' l-Arti Ekkleżjastika Maltija, isemmi din ix-xbiha fil-ktieb tiegħu fuq Santa Katarina. Ħafna minna jħobbu jżuru l-Mużew tal-Knisja ta' Ħaż-Żabbar, wieħed mill-aħjar mużewijiet ekkleżjastiċi li għandna Malta. Anke fost it-turisti dan il-Mużew hu popolari. Kwadru li forsi ma tantx tinduna bih malajr, minħabba l-ħafna affarijiet sbieħ u storiċi li hemm x'tara, hu affresk tal-Madonna bil-qaddisin Duminka u Katarina, li kien ġie maqlugħ minn knisja antika Normanna, u trasportat għal dan il-Mużew wara li kien irrestawrah il-Kav. Rafel Bonnici Calì.

**Popolarità tal-Qaddisin Duminka u Katarina**

Santa Duminka u Santa Katarina kienu popolari ħafna fost il-Maltin fiż-Żmenijiet Tardivi tan-Nofs. Fil-fatt il-kappella ta' Ħal Tartarni (Ħad-Dingli tal-lum), li diġà kienet isservi bħala knisja parrokkjali fl-1436, fi żmien meta ż-Żejtun u ż-Żurrieq kien huma wkoll diġà parroċċi, kienet iddedikata lil Santa Duminka, verġni martri mill-Calabria. Kien bejn wieħed u ieħor f'dan iż-żmien li nbniet kappella ċkejkna rurali ddedikata lil Santa Duminka f'Ħaż-Żabbar tal-lum, iżda ż-Żejtun ta' dak iż–żmien.

**Kappella medjevali fil-limiti taż-Żejtun**

Kienet kappella fuq stil Siculo-Normann, madwar nofs kilometru bogħod mill-Knisja Parrokkjali ta' Ħaż-Żabbar tal-lum, xi ftit moħbija bis-siġar taż–żebbuġ, fit-triq li tieħu lejn il-Kalkara. Wisq probabbli li dawk in-naħat kienu ċentru ta' abitazzjoni dak iż–żmien. L-istil tal-kappella kien daħal snin ġmielhom wara li n-Normanni kienu keċċew lill-Għarab minn Malta fis-seklu tnax, għaliex bħalma ġara dejjem, movimenti ġodda fl-Ewropa kienu jdumu biex jaslu hawn Malta. Kien żmien iebes għall-Maltin li, wara snin ta' ħakma Musulmana, kellhom jibnu mill-ġdid kappelli Nsara. Dan l-istil baqa' f'Malta popolari sal-miġja tal-Kavallieri fis-seklu sittax. Il-bieb, li kien f'għamla ta' ħnejja

ppuntata, kien iħares lejn it-Tramuntana. Lilna tinteressana l-aktar l-abside tal-kappella fejn kien il-kwadru affresk li semmejna. B'xorti kbira din il-parti ma kenitx tħassret għal kollox bil-ħafna tiswijiet li saru matul is-sekli, u għadha sal-lum tagħtina xhieda tal-qedem tal-kappella.

**Il-Qaddisin Duminka u Katarina flimkien mal-Madonna**

Matul l-Assedju tal-1565 din il-kappella kienet sofriet ħsara kbira, peress li viċin tagħha t-Torok kienu waqqfu xi kampijiet tagħhom, u hemm sar ħafna ġlied billi dawn l-inħawi ma kenux 'il bogħod mis-swar tal-Birgu. Tant kienet fi stat ħażin din il-kappella wara l-Assedju, li Dun Pietru Dusina, il-Viżitatur Apostoliku, lanqas biss żarha fis-sena 1575. Iżda dan ma jfissirx li ma kenitx teżisti qabel. L-Isqof Gargallo jsemmiha fiż-Żjara Pastorali ta' l-1588. Fis-sena 1615 l-Isqof Cagliares jirreferi għax-xbiha tal-Madonna fuq l-altar, iżda l-isqof ta' wara, Mons. Balaguer, iżid illi x-xbiha kienet "Tal-Madonna flimkien mal-Qaddisin Duminka u Katarina". Hawn għandna mela quddiemna l-aktar xbiha antika ta' Santa Katarina li, sa fejn naf jien, kienet u għadha teżisti sal-lum, f'dik li dari kienet parti mill-parroċċa tagħna!

**Xbiha ta' Santa Katarina**

Kienet xorti tajba li l-Isqof Balagua qalilna ċar u tond li x-xbiha hi ta' Santa Katarina, għaliex il-qaddisa li tidher, għalkemm f'id waħda ġġib il-palma tal-martirju u fl-oħra żżomm is-sejf, riferenzaċara għal qtugħ ir-ras tagħha, ir-rota tagħha bilkemm tidher, għalkemm hemm qegħda. Ma rridux ninsew li f'dawk iż-żmenijiet is-simobli tal-martirju tagħha ma kienx ilhom xi sekli kbar li ġew stabbiliti. Tant hu hekk, li fiż-żminijiet bikrija tan-Nofs lanqas biss kienu jpinġuha bis-simboli tal-martirju tagħha kif nafuhom il-lum. Il-preġju tal-kwadru għalhekk, aktar milli artistiku, hu pjuttost storiku. M'għandniex infittxu li npaxxu għajnejna meta nħarsu lejha; aħjar infittxu niftakru fil-qedem kbir tal-kwadru, li allura jkompli jippruvalna l-qedem tad-devozzjoni taż-Żwieten lejn din il-qaddisa. Kien hemm xi żmien meta saħansitra dan l-affresk tant qadim kien ġie wkoll mgħotti bi kwadru ieħor.

**Restawr tal-kwadru**

Ir-restawratur ta' l-affresk, il-Kav. R. Bonnici Calì, għalkemm jilminta dwar il-faqar tal-kuluri li fih il-kwadru, jkompli hekk: "Id-disinn tal-figuri u l-ornamentazzjonijiet juruna l-ħila li tħabbatha ma' pitturi Taljani tat-triq tan-nofs. Min pinġa dan l-affresk seta' kien xi patri Malti li xorob tagħlim fl-Italja ta' nofs is-seklu 15". It-teknika turi li l-pittur kien familjari ma' l-arti kontinentali. Skond is-sur Mario Buhagiar, jidher li l-pittur kien familjari ma' l-elementi ta' l-arti rinaxximentali Fjorentina forsi minħabba kuntatti li seta' kellu ma' segwaċi Sqallin ta' Antonello. Mn'Alla li l-awtur uża fl-intonaku xibka tax-xagħar taż-żiemel, jew qanneb biex isaħħu, għaliex kieku m'għamilx hekk, ma nafux il-lum x'kien jibqgħalna minnu! L-affresk ġie trasportat fil-Mużew ta' Ħaż-Żabbar fi żmien il-Kappillan Zarb, meta kellha ssir rikostruzzjoni tal-kappella. Il-figura ta' Santa Duminka kienet spiċċat għal kollox, u allura r-restawratur ipprova jagħti idea ta' kif setgħet kienet. Restawraturi oħra ta' żmenijiet aktar reċenti ma jaqblux ma' dan il-metodu, għaliex jidhrilhom li dak li spiċċa m'għandekx tipprova tagħti idea tiegħu; għandek tħallih għal kollox vojt. B'xorti tajba iżda, il-figuri tal-Madonna, il-Bambin, u Santa Katarina għadhom jidhru kif oriġinarjament kienet, madwar 500 sena ilu!

Kwadru ieħor interessanti fl-istess Mużew hu kopja ta' kwadru antik fis-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja li kien ħallas għalih il-Gran Mastru Verdala. F'dan il-kwadru tidher ukoll Santa Katarina, għarkobbtejha quddiem il-Madonna bil-Bambin fuq dirgħajha. Wisq probabbli li l-kwadru oriġinali kien xogħol il-pittur Filippu Paladini, li kien pitter il-ħajja ta' l-istess Gran Mastru fil-Kastell Verdala, il-Buskett. Hekk għandna xhieda oħra tal-qima lejn Santa Katarina f'Ħaż-Żabbar, li fi żmien il-Gran Mastru Verdala (1581-1595) kien għadu jagħmel maż-Żejtun.



*Santa Katarina mal-Madonna fis-Santwarju ta' Ħaż-Żabbar (kopja ta' kwadru antik)*